Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16

It- Tnejn 15 ta' Settembru 2025

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-09.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Mary Ann Sultana- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-09.24am

## 16.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

16.1.1 Is- SE infurma lil Kunsill li rċieva ittra ta' apoloġija mingħand is- Sinjura Mary Ann Sultana li ma setatx tattendi minħabba ix-xogħol tagħha. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti

16.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal- Ħmistax il- Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

16.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 16.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku

16.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li Infrastructure Malta ser jibdew x-xogħolijiet fuq il-pavimentar l-ġdid ġewwa l-Mdina fl-aħħar ta' Ottubru 2025.

16.3.2 Is- Sindku infurma lil Kunsill li l-ftehim ta' għajnuna b'fondi maħruġa mid- Direttorat tar-Restawr ġie ffirmat għal tlett snin fejn il-Kunsill ser jibbenifika minn fondi biex jiġu restawrati l-fanali dekorattivi li jnsabu ġewwa l-Mdina

16.3.3 Is- Sindku infurma lil Kunsill ser jitqabbad l-Perit tal-Kunsill biex jipprepara d-dokumenti meħtieġa għal ħruġ ta' sejħa għal xiri ta' *recessed floor lighting* ġewwa l-Mdina. Bħala xogħolijiet ta' dawl, da ser isir mill-kuntrattur ta' handuman services mal-Kunsill.

## 16.4 Rapport Finanzjarju għat- Tlett Xhur April sa Ġunju 2025

16.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn April sa Ġunju 2025. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill

16.4.2 Rapport finanzjarju ġie approvat mill-Kunsill unanimament

## 16.5 Business Plan 2025-2029

15.5.1 Il-Pjan ta' Ħidma 2025-2029 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (meħmuż). Kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

15.5.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Joseph Debono li kienet ssekondata mill- Kunsillier Alfred Barbao Sant, dan ir-rapport ġie approvat unanimament

**16.6 Emendi fil-Bye Law rigwardanti L-Uzu ta' Faċilitajiet Mdina- Approvazzjoni**

16.6.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra applikazzjoni għal emendi fil-Bye Law li jirregola l-uzu ta' faċilitajiet ġewwa l-Mdina K.L.B.L. 2/13/2018 għal approvazzjoni tal-Kunsill.

16.6.2 Il-Kunsill approva dawn l-emendi.

**16.7 Talba għad-danni minn Zarb Coaches dwar allegat inċident vettura Triq il- Muzew**

16.7.1 Il- Kunsill rċieva ittra mingħand l-avukati Attard and Montalto Advocates għal rifuzjoni ta' spejjez ta' ħsarat fuq il-vettura tat-tip 'Scania Caetano' bin-numru ta' registrazzjoni 'ZPY 006' li skond huma ġew kkaġunati minhabba sigra li kienet qieghda tostakola l-istess triq fil-kisra bejn is-Saqqajja ghat-Triq il-Muzew. Dawn il-ħsarat jammontaw għal €4500.

16.7.2 Fit- talba tagħhom kull ma bgħatu invoice ta' l-ispejjez involuti u xejn izjed. Bħala Kunsill biex wieħed jikkunsidra talbiet simili flimkien mat-talba għandu jiġi sottomess rapport tal-Pulizija flimkien ma ritratti ta' l-inċident kif ukoll site plan tal-post u li dan ma sarx minn naħa tagħhom. Bħala Kunsill talbnihom jissottomettu dawn id-dokumenti permezz ta' l-avukat tal-Kunsill pero kull ma bgħatu biss ritratti ta' vettura minn ġewwa l-garage tal-kumpanija.

16.7.3 Il-Kunsill wara li kkunsidra l-fatti quddiemu, b' mod unanimu ma approvax din it-talba u talab lil avukat tal-Kunsill biex jikteb lil partijiet l-oħra.

**16.8 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

16.8.1 Teatru Manoel- Talba biex jitpoġġa toem jirreklama De Valette Chamber Orhestra. Talba ġiet miċħuda mill-Kunsill.

16.8.2 HRGM- Talba biex spejjez ta' ikel li ma ġiex kkonsmat mill-għaqda minħabba il-mewt ta ħabib tagħhom fit-tieni gurnata tal-Medieval Mdina tiġi rifuza mill-Kunsill. Talba ma ġietx aċċettata.

16.8.3 Old Motors Club- Talba għal wirja ta' car show Tomba area b'risq il-Community Chest Fund nhar is- 16 ta' Novembru 2025. Il-Kunsill approva.

16.8.4 Camelot Media Ltd- Talba biex isir filming ta' reality show fl-Mdina. Il-Kunsill approva

16.8.5 Knisja Santa Marija ta' Gesu- Talba għal ħruq tan- nar minn fuq Gomerino Bridge nhar is-Sibt 12 ta' Ottubru 2025. Il-Kunsill approva

**16.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

16.9.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 15 ta' Settembru 2025 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 22,424.51

16.9.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill nanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ

Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**16.10 Tmiem tal- Laqgħa**

16.10 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 11.02am u ġiet aġġornata għal-20 ta' Ottubru 2025 fit-3pm.

IFFIRMAT

______________________

Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMAT

_____________________

Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data:___20 ta' Ottubru 2025__